MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' April, 2006

Avviz Numru. 666/1997/1

**Avviz numru 666/97 DM**

**Perit Arkitett Alexander Bezzina u l-Perit Arkitett Keith Cole**

**Vs**

**Edwin Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm920.00) rappresentanti drittijiet professjonali u VAT relattiv dwar servizzi rezi in konnessjoni ma' xoghol f' 'semi-detached bungalow', fl-Inklin.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tal-11 ta' Lulju, 1996, u bl-imghax mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecceppixxa illi:

1. L-azzjoni ta' l-atturi hija preskritta skond l-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili (Kap. 16);
2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-atturi billi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-26 ta' Mejju, 1999, fejn innominat l-AIC David Pace bhala perit tekniku ;

Rat ir-relazzjoni ta' l-AIC David Pace pprezentata fil-21 ta' Jannar, 2005 ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

B'l-ewwel eccezzjoni tieghu il-konvenut qed jissolleva l-preskrizzjoni ta' sentejn ikkontemplata fl-artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili. L-artikolu citat jitratta dwar l-azzjonijiet ta' artkitetti u enginieri civili ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu u ghalhekk huwa l-artikolu rilevanti fejn jirrigwarda l-azzjoni odjerna li effettivament hija l-azzjoni tal-periti Bezzina u Cole, fil-konfront tal-konvenut fejn qed jitolbu l-hlas tad-drittijiet taghhom relativi ghas-servizzi professjonali rezi lill-konvenut.

Ghalhekk biex tirnexxi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, huwa jrid jipprova illi s-servizzi professjonali rezi mill-atturi kienu gew itterminati qabel it-3 t' April ta' l-1995 (sentejn qabel ma giet pprezentata l-azzjoni odjerna tat-3

ta April 1997)  u li ghalhekk qabel dak il-jum, l-atturi kienu ntitolati illi jitolbu minghand il-konvenut id-drittijiet taghhom kif qed jghamlu bl-azzjoni odjerna.

Pero’ il-provi kollha jindikaw mod iehor. Infatti l-applikazzjoni ghall-kostruzzjoni intiza mill-konvenut kienet giet ipprezentata lill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar f’ Mejju ta’ l-1995 u kien biss f’ Jannar ta’ l-1996 illi l-atturi kienu gew infurmati illi l-konvenut kien itterminalhom l-inkarigu, minghajr biss ma ndenja ruhu li jinfurmahom illi kien qabbad perit iehor.

Ghaldaqstant, billi d-drittijiet tal-perit isiru esigibbli meta jkunu tterminaw is-servizzi illi taghhom qeghdin jitolbu l-hlas, l-azzjoni ta’ l-atturi setghet tigi esercitatha f’ Jannar ta’ l-1996 u billi pprezentaw l-avviz qabel l-gheluq ta’ sentejn minn dik id-data, fit-3 t’ April, 1997, il-Qorti ssib illi ma ddekorrewx is-sentejn li jrid l-artikolu 2149(c) citat mill-konvenut.

Ghaldaqstant tirrespingi l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzzjoni peritali u qeghdha taddotthom u tghamilhom taghha. Infatti jirrizulta illi l-atturi effettivament ipprovdew is-servizzi ndikati fil-kont taghhom tas-16 ta’ Jannar 1996, assistew lil konvenut kemm b’ inkontri mieghu personali, kif ukoll billi pprovdewlhu s-servizzi ta’ d-draughtsman taghhom u nfatti ipprezentaw l-applikazzjoni ghall-permess ghall-kostruzzjoni illi xtaq l-istess konvenut.

Jirrizulta wkoll illi l-atturi mhux biss ipprezentaw zewg applikazzjonijiet ghall-kostruzzjonijiet intizi mill-konvenut, izda anke assistew lill-konvenut biex seta’ jistabbilixxi prezzijiet fissi mal-kuntratturi Micallef.  Fuq kollox anke waqt is-seduti quddiem il-Perit Tekniku, huma pprezentaw, fid-29 ta’ Novembru tas-sena 2000, kont dettaljat ta’ kif huma waslu ghas-somma ta’ tmin mitt lira Maltin (LM 800) li qeghdin jitolbu bhala drittijiet

professjonali ghax-xogholijiet esegwiti fl-interess tal-konvenut, esklusa l-V.A.T.

Il-konvenut rinfaccat b’ dawn il-provi, ikkontesta wkoll illi s-servizzi rezi mill-atturi ma kienux ezattament skond l-istruzzjonijiet tieghu u li ghalhekk ma kienux fil fatt moghtija b’ mod ghaqli tant illi nkariga perit iehor minflok l-atturi. Pero’ sewwa kkonkluda l-perit tekniku, illi l-fatt illi l-konvenut mhux biss iffirma l-applikazzjonijiet ghall-permessi fuq il-pjanti ppreparati, izda anke iffirma l-kuntratt mal-kuntratturi Micallef, fejn kienu gew stabbiliti l-prezzijiet ghax-xogholijiet intizi skond il-pjanti pprezentati, jikkostitwixxu prova bizzejjed li l-konvenut kien approva dak kollhu li kien qed jigi ddisenjat u ppjantat.

In oltre, ghalkemm il-konvenut jipprova jmaqdar is-servizzi rezi lilu mill-atturi u bbaza ruhu fuq pariri u konsultazzjonijiet mad-draftsman Manuel Cassar u l-Perit Brian Ebejer, huwa f’ ebda stadju ta’ dawn il-proceduri ma’ produca dawn ix-xhieda biex isosstnu dak li kien qieghed jallega.

Ghaldaqstant taqbel mal-konkluzjoni peritali illi l-konvenut huwa tenut li jhallas ghal dawk is-servizzi rezi lilu mill-atturi, anke jekk fl-ahhar mill-ahhar huwa ddecieda li juza s-servizzi ta’ perit iehor minflokhom minghajr ma ndejna ruhhu illi almenu jinfurmhom.

Illi kif irrelata l-espert tekniku, id-drittijiet fis-somma ta’ tminn mitt lira Maltin (LM800), oltre l-VAT, li qed jitolbu l-atturi hija gustifikata, tenut kont tas-servizzi li rrendew lill-attur.

Ghaldaqstant qeghdha tirrespingi anke l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu u konsegwentement qeghdha tilqa’ t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qeghdha tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil atturi is-somma mitluba ta’ disa’ mija u ghoxrin lira Maltin (LM920), bl-imghax legali, b’ effett mit-3 t’ April ta’ l-1997.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------